MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 39/2022 LM

**Camilo Atkinson Galindo**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-18 ta' April, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] fil-konfront tar-rikorrent **Camilo Atkinson Galindo** [hawnhekk 'l-appellat'] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni

tal-Aġenzija intimata tas-6 ta' Diċembru, 2021. għandha tiġi rrevokata, u taha direzzjoni sabiex tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tal-applikant.

**Fatti**

2. L-appellanta tispjega li r-rikorrent intavola applikazzjoni fis-26 t'Awwissu, 2021 sabiex jingħata *Single Permit* taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u meta għamlet il-verifiki neċessarji, sabet li fil-mument li l-appellat ippreżenta din l-applikazzjoni, huwa kien jinsab Malta illegalment. Fil-fatt jirriżulta li l-applikant kien eċċeda l-perijodu massimu li huwa seta' jibqa' f'Malta mingħajr *visa,* liema irregolarità ma ġietx issanata mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Ir-rikorrent ġie mgħarraf li għalhekk huwa kien jinsab Malta bi ksur tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Mertu**

3. Fir-rikors tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent ilmenta għaliex l-ittra li huwa rċieva mingħand l-intimata ma fihiex informazzjoni dettaljata u adegwata fil-fatt u fil-liġi dwar ir-raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qal li d-deċiżjoni tal-intimata kellha tkun immotivata aktar minn hekk, u din kellha tispeċifika taħt liema disposizzjoni tal-liġi kienet qegħda tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ma jaqbilx li fiż-żmien meta huwa ressaq l-applikazzjoni tiegħu, huwa kien jinsab f'Malta mingħajr permess, u l-intimata naqset milli tispjega għal liema raġuni hija kienet waslet għall-konklużjoni li l-pożizzjoni tar-rikorrent ma kinitx waħda regolari. Ir-rikorrent spjega li huwa

ċittadin Kolumbjan, u għalhekk huwa m'għandux bżonn *visa* biex ikun jista' jibqa' f'Malta. Qal li huwa kien sab impjieg hawn Malta qabel il-wasla tiegħu f'Malta, u kien biss wara li huwa sab l-imsemmi impjieg li huwa ddeċieda li jivvjaġġa lejn Malta. Qal ukoll li minn tmiem is-sena 2020, u għal perijodu ta' 90 ġurnata minn meta huwa wasal f'Malta, jiġifieri sas-26 ta' Frar, 2021, l-att amministrattiv tal-applikazzjoni għal *Single Permit* kien jaqa' esklussivament fir-responsabbilità mhux tiegħu imma tal-prinċipal prospettiv tiegħu. Ir-rikorrent esebixxa għadd ta' messaġġi li ntbagħtu bejnu u rappreżentant tal-prinċipal prospettiv tiegħu ZP Services Ltd, li juru li r-rikorrent kien ġie żgurat li l-prinċipal prospettiv tiegħu kien għamel l-applikazzjoni meħtieġa għal dan il-permess. Qal li fil-fatt jirriżulta li din l-applikazzjoni ntbagħtet mill-prinċipal prospettiv tiegħu, u hu ġie notifikat b'dan permezz ta' *email* li ntbagħtet lilu fil-5 ta' Marzu, 2021. Ir-rikorrent qal ukoll li l-kliem tal-*email* jikkonferma li l-applikazzjoni għal *Single Permit* saret mill-prinċipal prospettiv tiegħu, u għalhekk huwa ma kellu għalfejn jieħu ħsieb xejn aktar f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent spjega li fit-30 ta' Lulju, 2021, huwa ġie nfurmat *b'email* minn Identity Malta li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti  għaliex li l-prinċipal prospettiv tiegħu kien naqas milli jimla xi dettalji, u għal dan il-għan ir-rikorrent intalab jikkorrispondi mal-prinċipal prospettiv tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-applikazzjoni għal *Single Permit* fiż-żmien in kwistjoni tħalliet interament f'idejn il-prinċipal prospettiv tiegħu, u għalhekk is-suċċess ta' din l-applikazzjoni kien jiddependi minn kemm il-prinċipal prospettiv tiegħu mela din l-applikazzjoni fil-ħin. Ir-rikorrent qal li kien biss fl-aħħar ta' Lulju tal-2021 li huwa ġie mgħarraf li din l-applikazzjoni ma kinitx kompluta, u dan meta huwa kien ingħata l-impressjoni li d-dettalji tiegħu kienu ntbagħtu lil Identity Malta u li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi

pproċessata. Qal li huwa inġust li huwa jintalab isofri l-konsegwenzi tan-nuqqas tal-prinċipal prospettiv tiegħu li jimla applikazzjoni fil-ħin. Qal li huwa kien sab impjieg, u kien ingħata x'jifhem li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi pproċessata kemm mill-prinċipal prospettiv tiegħu, kif ukoll mill-uffiċjali ta' Identity Malta, u kien biss wara diversi xhur li huwa ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti. Qal li huwa ma kellu l-ebda poter jew diskrezzjoni fir-rigward ta' din l-applikazzjoni, u biex jassigura li l-applikazzjoni f'ismu saret b'konformità mal-liġi.

4. Fir-risposta tagħha, l-intimata spjegat li r-rikorrent permezz ta' ittra tas-6 ta' Diċembru, 2021, ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi rifjutata wara li nstab li meta huwa ppreżenta din l-applikazzjoni, huwa kien qiegħed f'Malta illegalment. Qalet li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet ippreżentata fis-26 t'Awwissu, 2021, u waqt li kienet qegħda tiġi proċessata din l-applikazzjoni, instab li dakinhar li r-rikorrent ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, dan kien qiegħed f'Malta illegalment bi ksur tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-intimata spjegat li r-rikorrent seta' jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta skada l-perijodu li fih huwa ma kienx jeħtieġ *visa* biex jibqa' f'Malta, u għalhekk f'dak il-perijodu ta' għaxart ijiem ir-rikorrent seta' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Żiedet tgħid li jirriżulta li r-rikorrent kien ilu f'Malta illegalment għal ferm aktar minn għaxart ijiem, u l-biljett tal-ajru li permezz tiegħu huwa wasal f'Malta jġib id-data tat-28 ta' Novembru, 2020, filwaqt li l-applikazzjoni tiegħu għal *Single Permit* ġiet ippreżentata fis-26 t'Awwissu, 2021. Qalet li għalhekk, fil-mument li ir-rikorrent ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, dan kien ilu jgħix Malta illegalment għal madwar sitt xhur. Qalet ukoll li minflok irrifjutat l-applikazzjoni tar-

rikorrent, hija għamlet kuntatt mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk is-sitwazzjoni tar-rikorrent setgħetx tiġi regolarizzata. L-intimata qalet li d-deċiżjoni dwar ir-rikorrent ittieħdet abbażi tal-fatti disponibbli, u wara li saru l-verifiki, ġie stabbilit li l-irregolarità li kien fiha r-rikorrent ma setgħetx tiġi regolarizzatta mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' April, 2022, il-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni tal-Aġenzija għandha tiġi revokata, u l-applikazzjoni tar-rikorrent għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, mingħajr konsiderazzjoni tal-fatt li għal xi żmien dan kien meqjus li kien f'Malta illegalment, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 6th December, 2021, the appellant's application for a Single Permit was rejected for the following reason: "...* in view that it appears that at the time of submitting this application, your position in Malta was irregular...";

*Saw the appeal registered on 10th December, 2021; and*

*Saw Identity Malta Agency's reply filed on 26th January, 2022.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation, within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the*

*principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015)) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties need to be phsyically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board disagrees with the Agency's decision in the sense that the wording used is one which expresses uncertainty. The Agency rejected the appellant's application because "*it appears" *that the appellant was illegally present in Malta at the time the application was submitted. This is not acceptable. When rejecting an application, the Agency must be certain, not uncertain.*

*On the other hand, in its reply to the appellant's appeal, the Agency claimed that "...* it transpired that at the moment of submission of the application, Mr Camilo Atkinson Galindo was irregularly staying in Malta ...". *However, this Board is bound to decide whether the Agency's decision is correct as it was written, not by clarifications made in the Agency's reply to the appellant's appeal.*

*The Agency then argued that the appellant's case was brought before the Principal Immigration Officer, who assessed the case and decided not to regularise the irregularity. It stated that this would be confirmed should the Principal Immigration Officer be summoned to testify.*

*The Board once again disagrees with this* modus operandi. *If it is true that the Principal Immigration Officer was consulted on the matter, the Agency should have provided evidence of what it alleged. It is up to each party to produce evidence in support of what it alleges.*

*Consequently, the appellant is correct insofar as he claims that the Agency's decision is insufficiently informative as it failed to describe how the Agency came to its conclusions.*

*Secondly, the appellant claimed that he had no control over the submission of the Single Permit application. The Board adds to this that it is well known that the Agency's online application portal only permits prospective employers to lodge its applications. The applicants themselves – the individuals – have a secondary role in the process.*

*The appellant presented e-mails which indicate that a representative of ZP Services Limited (the prospective employer) continually assured him that the application was being handled by the company. On 5th March, 2021, the appellant was informed via*

*automated e-mail from the Agency that his application, lodged, by the prospective employer, was awaiting his validation. Then, on 14th April, 2021, the appellant was informed that the application had finally been submitted. Much later, on 30th July, 2021, the appellant was informed by the Agency that his application was "*Pending Completion by Employer" *and asked him to liaise with the prospective employer.*

*Having read the submissions and the e-mails appended thereto, the Board agrees with the appellant insofar as he states that "...* the applicant is completely disarmed in ensuring that an application is submitted and to handle the application submission process."

*The Board read the Agency's reply and noted that it claimed that the application was submitted on 26th August, 2021.*

*However, the extract from the National Identity Management System (NIDMS), attached to the reply, indicates that the uploading of the first documents in relation to the appellant's Single Permit application took place on 5th March, 2021 (as the appellant claimed). It seems that the iter of the application took several months, culminating in rejection on 7th December, 2021. Between March and August, 2021, several uploads and insertions of details and submissions of information took place. It is puzzling, therefore, why the Agency chose to indicate 26 August, 2021, as the date of submission of the application.*

*Given that the initial movement, whether from the appellant or from the prospective employer, took place on 5th March, 2021, the Board is taking 5th March, 2021 as the date the application process started.*

*This convinces the Board even more that in the Single Permit application process, the prime mover is the prospective employer and appellants are generally at the mercy of prospective employers.*

*Consequently, the appellant shall not be considered illegally present.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision and directs that processing of the application should resume, with no taint of allegation of illegal stay.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

6. L-appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Bord fit-28 ta' April, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Bord tat-18 ta' April, 2022, u tordna lill-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid.

7. L-appellanta sostniet li l-Bord kien żbaljat meta qies li l-applikant ma kienx illegalment f'territorju ta' Stat Membru *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Spjegat li hija ma setgħet qatt tilqa' applikazzjoni magħmula mill-appellat *ai termini* tal-istess Regolament, liema Regolament jittrasponi d-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, liema Direttiva fl-Artikolu 4(1) tagħha tipprovdi wkoll li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru sabiex jippreżenta applikazzjoni bħal din.

8. L-appellanta qalet li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Bord safejn dan ikkunsidra li d-data tal-applikazzjoni għandha titqies li hija l-5 ta' Marzu, 2021, u għalkemm l-applikant beda jiġbor id-dokumenti għall-applikazzjoni u jissottometti informazzjoni u dokumenti mill-5 ta' Marzu, 2021, l-applikazzjoni finali tiegħu ġiet sottomessa fis-26 t'Awwissu, 2021, kif jirriżulta mis-sistema *National Identity Management System (NIMDS).* L-appellanta qalet li l-applikant kellu xejn anqas minn tliet xhur ċans mid-data li fiha daħal Malta sabiex jimla l-applikazzjoni relattiva u jiġbor id-dokumenti rikjesti sabiex japplika għal *Single Permit,* liema applikazzjoni u *checklist* hija pubblika u disponibbli *online.* Qalet li minkejja dan kollu, l-applikant naqas milli jiġbor id-dokumenti kollha fi żmien

tliet xhur mill-wasla tiegħu f'Malta, u b'hekk fil-mument meta ssottometta l-applikazzjoni finali tiegħu fis-26 t'Awwissu, 2021, huwa kien qiegħed jirrisjedi f'Malta illegalment. Qalet li għalhekk l-applikazzjoni tal-appellat għandha titqies li ġiet sottomessa fis-26 t'Awwissu, 2021, u mhux qabel.

9. L-appellanta għamlet riferiment għar-Regolament 7(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, li jgħid li ċittadin ta' pajjiż terz għandu jissottometti applikazzjoni għal permess uniku, u qalet li għalhekk ir-responsabbilità għal applikazzjoni bħal din hija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u mhux tal-prinċipal prospettiv. Qalet li fil-fatt hija kkomunikat mal-individwu sabiex tinfurmah li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti.

10. L-appellanta qalet li anki li kieku kellu jitqies li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata fil-5 ta' Marzu, 2021, xorta waħda dakinhar l-applikant kien jinsab f'Malta illegalment, għaliex dan kien ilu diġà tliet xhur jgħix f'Malta. Qalet ukoll li mhux ikkontestat li l-applikant wasal Malta fit-28 ta' Novembru, 2020, kif jirriżulta mill-kopja tal-biljett tal-ajru li permezz tiegħu l-applikant wasal Malta, u li ġie prodott bħala prova quddiem il-Bord. Qalet li għalhekk, ladarba jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata minn ċittadin terz li kien jinsab hawn Malta illegalment, u peress li la l-Liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta ma aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li d-deċiżjoni tal-Bord kienet ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-

appellat jgħid li huwa ma jistax jaqbel li f'dan il-każ sar apprezzament żbaljat tal-liġi mill-Bord, għal tliet raġunijiet ewlenin. Spjega li huwa kien sprovvist mill-fakultà li jissottometti applikazzjoni direttament u jimmaniġġja hu l-proċess tas-sottomissjoni tad-dokumenti relattivi. L-appellat qal li minkejja li l-appellanta tisħaq li huwa kellu xejn anqas minn tliet xhur mill-wasla tiegħu f'Malta biex japplika għas-*Single Permit,* fl-istess waqt hija tonqos milli tgħid li fil-prattika huwa biss il-prinċipal prospettiv li għandu l-possibilità fiżika li jissottometti l-applikazzjoni għal *Single Permit.* Qal li anki jekk il-liġi tgħid mod ieħor, jirriżulta li skont is-sistema adottata mill-appellanta, l-applikant huwa kompletament prekluż milli jkun hu li jissottometti l-applikazzjoni għal *Single Permit,* u dan jista' jsir biss permezz ta' sistema *online* amministrata mill-prinċipal prospettiv jew mill-impjegati tiegħu. Qal li il-Qorti qegħda tintalab tagħmel distinzjoni bejn persuna traskurata u li ma tieħu l-ebda pass sabiex tassigura li l-preżenza tagħha f'Malta tiġi regolarizzata, jew li tagħmel dan b'mod tardiv, u persuna li tagħmel dak kollu li huwa fiżikament possibbli sabiex tassigura dan, iżda finalment issib li fil-prattika kienet kostretta tiddependi fuq sistema li tistona ma' dak li tgħid il-liġi. Qal li huwa sab impjieg f'Malta mal-prinċipal prospettiv minn qabel wasal f'Malta, u kien biss wara li sab dan l-impjieg li huwa ddeċieda li jidħol Malta. L-appellat qal li bejn l-aħħar tal-2020 u għal perijodu ta' disgħin jum wara l-wasla tiegħu f'Malta, jiġifieri sas-26 ta' Frar, 2021, l-att amministrattiv tal-applikazzjoni għal *Single Permit* kien biss u esklussivament f'idejn il-prinċipal prospettiv, u mhux f'idejh. Qal ukoll li kien hemm skambju ta' *emails* bejnu u l-prinċipal prospettiv ZP Services Ltd, li juri biċ-ċar li huwa kien ġie assigurat li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi pproċessata, u jidher li tabilħaqq l-applikazzjoni saret mill-prinċipal prospettiv, għaliex l-appellat irċieva notifika

dwar dan fil-5 ta' Marzu, 2021. Qal li minn din l-*email* wieħed jasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni għal *Single Permit* hija amministrata biss minn min ikun ser jimpjega lill-applikant, u għalhekk l-applikant huwa verament sprovvist mill-possibilità li jkun jista' jimmaniġġja l-proċess tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni huwa stess. L-appellat spjega li kien biss ferm aktar tard li huwa rċieva notifika li tgħid li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti. Qal li anki din l-*email* turi li ċ-ċavetta għall-kisba tas-*Single Permit* tibqa' f'idejn il-prinċipal prospettiv, u l-applikant ġie nfurmat li għad hemm pendenzi min-naħa ta' min kien ser jimpjegah. Qal li għalhekk l-applikazzjoni għal *Single Permit* tiddependi fuq il-kapaċità tal-prinċipal prospettiv li jissottometti applikazzjoni fil-ħin u qabel l-iskadenza taż-żmien, liema skadenza tista' tippreġudika l-istatus tal-immigrazzjoni tal-applikant. L-appellat qal li sal-31 ta' Lulju, 2021, l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha pendenti, u dan meta huwa kien taħt l-impressjoni li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet sottomessa u kienet qegħda tiġi pproċessata. Qal li huwa inġust għalih li jkollu jbati l-konsegwenzi għan-nuqqasijiet ta' ħaddieħor, meta huwa sprovvist mill-fakultà li jieħu ħsieb is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal *Single Permit.* L-appellat qal li huwa kien irnexxielu jsib impjieg u ġie mgħarraf li l-applikazzjoni kienet qegħda tiġi pproċessata, iżda aktar tard huwa ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu kienet għadha "*Pending Completion by Employer.*" L-appellat qal li l-fatt li s-sottomissjoni tal-applikazzjoni ma tistax issir mill-applikant iżda mill-prinċipal prospettiv, jimplika li l-applikant m'għandu l-ebda setgħa jieħu ħsieb li jiżgura li l-applikazzjoni tiġi ppreżentata b'konformità mal-liġi, u għalhekk hemm anomalija fis-sens li filwaqt li l-liġi tgħid li huwa l-applikant li għandu jissottometti l-applikazzjoni, fil-

prattika l-applikant huwa kompletament dipendenti fuq il-prinċipal prospettiv sabiex jassigura li dan isir.

12. L-appellat qal ukoll li mill-proċess għandu jirriżulta li huwa seta' jibqa' legalment ġewwa Malta sas-26 ta' Frar, 2021, u l-appellanta stess fir-risposta tagħha qalet li normalment tikkonċedi perijodu ta' għaxart ijiem sabiex l-applikant ikun jista' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu hawn Malta. Qal li f'dan il-każ minkejja li l-appellanta baqgħet issostni li l-applikazzjoni saret fis-26 t'Awwissu, 2021, għandu jirriżulta li l-applikazzjoni f'ismu ġiet fattwalment ippreżentata fil-5 ta' Marzu, 2021, u għalhekk għandu jirriżulta li l-applikazzjoni mill-prinċipal prospettiv effettivament saret fit-terminu tal-*grace period* estiż. Qal li għaldaqstant bil-kejl ta' Identity Malta stess, ma jistax jingħad li l-applikazzjoni saret waqt li l-applikant kien f'Malta illegalment.

13. L-appellat għamel riferiment ukoll għall-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.04, li jgħid li ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun intitolat li jirrisjedi f'Malta, biss jekk jinħariġlu permess uniformi għal residenza għal skop speċifiku, u dan ma japplikax għal ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ingħata permess temporanju biex jirrisjedi f'Malta għall-fini tal-ipproċessar ta' applikazzjoni tal-asil jew ta' applikazzjoni għal permess uniformi ta' residenza. Qal li għalhekk l-effetti ta' dan l-artikolu daħlu fis-seħħ fil-mument li fih l-applikazzjoni tiegħu ġiet formalment rikonoxxuta, u l-appellat seta' jkompli jirrisjedi f'Malta sakemm din l-applikazzjoni tiġi deċiża. Qal ukoll li l-appellanta ma tistax, wara li taċċetta l-applikazzjoni, targumenta li din hija invalida għaliex saret waqt li l-applikant kien qiegħed f'Malta illegalment. L-appellat qal li l-appellanta għandu jkollha sistema fejn mill-mument li tiġi ppreżentata applikazzjoni, jekk issib li teżisti xi

irregolarità dwar l-istatus tal-immigrazzjoni tal-applikant, dan għandu jikkomunika r-rifjut tiegħu li jilqa' l-applikazzjoni mingħajr dewmien, u mhux jiċħad l-applikazzjoni fl-intier tagħha diversi xhur wara li din tkun saret.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Il-Qorti kkonsidrat il-fatti li wasslu għall-appell odjern, fejn l-applikant, ċittadin Kolumbjan, wasal Malta wara li sab impjieg hawnhekk, u ħalla f'idejn il-prinċipal prospettiv tiegħu l-proċess tal-applikazzjoni għal *Single Permit* sabiex l-applikant ikun jista' jgħix u jaħdem hawn Malta. Jirriżulta li l-applikant wasal Malta fit-28 ta' Novembru, 2020, u l-appellanta qegħda tinsisti li l-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jirregolarizza l-istatus tiegħu, l-applikant daħħalha tardivament, u fi żmien meta għalhekk huwa kien meqjus li kien qiegħed jirrisjedi f'Malta illegalment.

*L-aggravju tal-appellanta:* *[Il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi u senjatament ir-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17]*

15. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex il-Bord għamel apprezzament żbaljat ta' dak li jipprovdi r-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jgħid li sabiex applikant jippreżenta applikazzjoni għal Permess Uniku, dan irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni, ladarba jirriżulta li l-applikant kien diġà jgħix f'Malta stante l-offerta ta' xogħol li saritlu qabel il-wasla tiegħu f'Malta. L-appellanta qalet li minkejja li huwa minnu li saret is-sottomissjoni ta' xi dokumenti mill-applikant

fil-5 ta' Marzu, 2021, madanakollu dak li ġie sottomess ma kienx l-applikazzjoni kompluta li dan kien mitlub li jagħmel, u wara li kien hemm korrispondenza fejn l-applikant ġie infurmat b'dawn in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tiegħu, finalment seta' jingħad li l-applikazzjoni tal-appellat sabiex jinħariġlu l-Permess Uniku saret fis-26 t'Awwissu, 2021, meta huwa kien ilu jirrisjedi f'Malta illegalment diversi xhur.

16. Il-Qorti tqis li minkejja l-kontestazzjoni li hemm dwar id-data meta saret l-applikazzjoni tal-applikant, ġie stabbilit li dan wasal Malta fit-28 ta' Novembru, 2020, u li l-appellanta ikkonċediet *grace period* ta' għaxart ijiem fuq id-disgħin ġurnata stabbiliti fil-liġi sabiex l-individwu jirregolarizza l-istatus tiegħu f'Malta. Jirriżulta li saru xi sottomissjonijiet f'isem l-appellat mill-prinċipal prospettiv tiegħu, u għalhekk l-appellat serraħ moħħu li l-applikazzjoni sabiex huwa jirregolarizza l-qagħda tiegħu f'Malta kienet saret, u saret kif suppost għaliex fil-5 ta' Marzu, 2021, huwa rċieva *email* mingħand Identity Malta li tgħid li *"A Single-Permit Application has been initiated on your behalf by ZP Services Limited and is now awaiting your validation."* Il-kontenut ta' din l-*email* fil-fatt jipprova li minkejja dak li jgħid ir-Regolament 7 tal-L.S. 217.17, u minkejja s-sottomissjoni tal-appellanta li l-applikazzjoni kienet ir-responsabbilità tal-appellat, fil-prattika huwa l-prinċipal prospettiv li jrid jieħu ħsieb jibda l-proċess biex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikseb permess bħal dan. Il-Qorti tqis li l-appellat kellu raġun jaħseb, meta qara l-imsemmija *email,* li l-applikazzjoni li saret f'ismu saret b'mod komplut, u l-unika ħaġa li kien għad fadal min-naħa tiegħu, kienet li jieħu ħsieb il-validazzjoni tal-applikazzjoni li saret f'ismu.

17. Il-Qorti qieset ukoll li anki l-parti tal-proċess li ntalab jieħu ħsieb l-appellat, ma kienx jinvolvi interazzjoni diretta da parti tal-appellat mal-appellanta Identity Malta Agency, u fil-fatt f'punt 3 tal-istruzzjonijiet li rċieva l-appellat hemm miktub ċar u tond "*Once completed, click on* ***Submit to Employer****. ZP Services Limited will then submit your application to Identity Malta."* Il-Qorti tqis għalhekk li l-appellat għandu raġun meta jinsisti li jekk kien hemm tardività, m'għandux iwieġeb għaliha hu, għaliex huwa ma kellu l-ebda diskrezzjoni jippreżenta l-applikazzjoni f'xi data speċifika, jew jassigura li mal-applikazzjoni ddaħħlu d-dokumenti kollha mitluba mill-appellanta. Huwa evidenti għalhekk il-konflitt bejn dak li tgħid il-liġi, u dak li qiegħed isir fil-prattika, u ċertament li mhuwiex ġust u ekwu li l-applikant jintalab iġorr ir-responsabbilità għan-nuqqas tal-prinċipal prospettiv tiegħu. Il-Qorti tfakkar li kawżi ta' din ix-xorta, jikkonċernaw persuni li ħallew il-familja warajhom f'pajjiżhom, li qasmu min-naħa għall-oħra d-dinja biex ifittxu futur aħjar. M'għandux ikun li nuqqas tal-prinċipal prospettiv tal-applikant, jkollu jwieġeb għalih l-applikant. Lanqas m'huwa ġust u ekwu li l-applikazzjoni tal-applikant titqies li ma saritx fiż-żmien li tistipula l-liġi, għaliex bil-kliem użat fl-*email* li ntbagħtet lill-applikant, dan ingħata l-impressjoni li l-applikazzjoni f'ismu kienet saret, saret fiż-żmien stipulat, u li dak li kien għad jonqos kien biss li huwa jisma' mingħand Identity Malta dwar l-eżitu tal-applikazzjoni tiegħu. Imma fit-30 ta' Lulju, 2021, l-applikant intalab jikkorrispondi mal-prinċipal prospettiv tiegħu wara li ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu kien fiha xi nuqqasijiet. L-appellanta ma talbitx lill-applikant jissottometti d-dokumenti nieqsa, imma talbet lill-applikant jikkomunika mal-prinċipal tiegħu, sabiex ikun il-prinċipal prospettiv li jdaħħal id-dokumenti meħtieġa. L-appellanta ssostni li ladarba l-inkartament

kollu kien komplut fis-26 t'Awwissu, 2021, huwa f'din id-data li għandu jitqies li l-applikant ressaq l-applikazzjoni tiegħu, u fl-ebda data oħra qabel. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-raġunament, kemm għaliex jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-applikant kien jiddependi interament fuq il-prinċipal prospettiv tiegħu sabiex jagħmel l-applikazzjoni, kif ukoll għaliex l-impressjoni li ngħatat lill-applikant kienet li l-applikazzjoni tiegħu kienet kompluta u kienet qegħda tiġi evalwata. Kien biss bosta xhur wara li l-applikant ġie mgħarraf li l-applikazzjoni sottomessa f'ismu ma kinitx kompluta. Ladarba l-applikant ma kellux mezz kif isir jaf bin-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tiegħu, huwa ma setax jindirizzahom. L-appellat, ċittadin ta' pajjiż terz, kien laħaq wasal Malta, f'ċirkostanzi fejn ma kellu l-ebda ħjiel li huwa seta' kien qiegħed f'Malta illegalment jew mingħajr awtorizzazzjoni. Jirriżulta wkoll li l-applikant ħa ħsieb u wera interess fl-applikazzjoni tiegħu, ivvalidaha, u in atti hemm korrispondenza esebita li turi li dan segwa l-applikazzjoni tiegħu sabiex jassigura li l-istatus tiegħu jkun regolarizzat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tiċħad l-appell tal-appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**